MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 147/1998/1

**De Haan Transport (Malta) Limited u Carl Felix Wim Antonius Hamm bhala likwidatur tas-socjetajiet Olandizi De Haan Verhuizingen B.V., De Haan Materieel B.V., u De Haan Internationale Expeditie B.V.**

**vs**

**Ace Shipping Ltd.**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata t-23 ta' Jannar tal-1998 li permezz taghha l-atturi ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` konvenuta kienet agenti tas-socjetajiet atturi a tenur ta' kuntratt datat il-11 ta' Gunju, 1995, u *ai termini* ta' akkordi ohra sussegwenti ghall-amministrazzjoni u transport ta' "*trailers*" tas-socjetajiet atturi;

2. Illi fl-esekuzzjoni tal-istess is-socjeta` konvenuta fuq indikata irceviet u hallset somom u nkorriet spejjez in kwistjoni mal-istess;

3. Illi tul l-imsemmija attivita` l-istess socjeta` konvenuta kellha taghti rendikont skont il-ligi lis-socjetajiet atturi;

4. Illi l-istess socjeta` konvenuta kienet interpellata diversi drabi biex teffettwa tali rendikont, izda baqghet inadempjenti;

5. Illi ghaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, l-atturi talbu lil din il-qorti biex:

i. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex taghti rendikont fidil, gust u legali, akkompanjat mid-dokumenti relattivi ghall-perjodu kollu li fih espletat l-attivita` t'agenti jew ghamlet xoghol t'agenzija kif fuq indikat;

ii. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas is-somom kollha li rceviet u hallset flimkien ma' l-ispejjez inkorsi ghall-perjodu li fih espletat l-attivita` ta' agenti tas-socjetajiet atturi;

iii. Bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Dicembru, 1998, li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi waqfet topera bhala agenti lokali ghas-socjeta` estera De Haan Internationale Expeditie B.V. mill-15 ta' Jannar, 1997;

2. Illi ghalhekk mhix responsabbli jew obbligata li taghti l-ebda rendikont jew dokument lis-socjetajiet attrici;

3. Illi l-fatti kif dikjarati mis-socjetajiet attrici huma zbaljati;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-7 t’Ottubru, 2004, li permezz tieghu hatret espert komputista hemm indikat biex jezamina l-kotba tas-socjeta` konvenuta, u jara jekk din ircevietx pagamenti f’isem is-socjetajiet atturi jew jekk ghamlitx xi pagamenti ghan-nom tas-socjetajiet atturi ghal perjodu minn Ottubru 1996 sal-31 ta’ Dicembru, 1998, (ara fol 153);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 ta’ Gunju, 2005, li permezz tieghu l-qorti kkonfermat l-inkarigu gia` moghti lill-Assistent Gudizzjarju, (ara fol 242);

Rat ir-relazzjoni tal-espert komputista datat it-8 ta’ Marzu, 2005, li sintetikament ikkonkluda r-relazzjoni tieghu fis-sens li l-bilanc dovut lis-socjetajiet atturi effettivament hu ta’ mija u  tmienja u erbghin elf, sebgha mija u wiehed u erbghin Lira Maltin, (LM148,741.00), (ara fol 344);

Rat il-verbal datat l-4 ta’ Dicembru, 2008, li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta nfurmat lill-qorti li ma kinitx qed taqbel mal-konkluzjoni tal-espert komputista kif indikat fil-paragrafu precedenti u talbet l-eskussjoni tieghu, (ara fol 366);

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata  d-19 ta’ Mejju, 2009, li permezz taghha pprezentat lista ta’ mistoqsijiet in eskussjoni tal-espert komputista, (ara fol 386);

Rat it-twegibiet tal-espert komputista datati l-15 t’April, 2010, (ara fol 427);

Rat id-digriet ta’ din il-qorti kif preseduta datat it-30 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu tat il-fakolta` lill-partijiet biex jintavolaw noti ta’ sottomissjonijiet sad-dati lilhom hemm indikati;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet, rispettivament datati l-31 ta’ Jannar, 2012, (ara fol 438), u d-29 ta’ Mejju, 2012, (ara fol 453);

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta, mill-assistent gudizzjarju nominat u mill-imsemmi espert komputista;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante l-ammont skonsiderat ta' snin li hadet din il-procedura, tista' effettivament tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm rabta kontrattwali;

2. Illi din kienet naxxenti minn kuntratt t'agenzija datat il-11 ta' Gunju, 1995, (ara fol 28 u 29), fejn sintetikament il-kontendenti qablu fuq is-segwenti klawsoli relattivi ghall-vertenza odjerna:

i. Illi s-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited, (in atti rapprezentata minn Saviour Mifsud), kellha tagixxi ta' agenti tas-socjeta` De Haan Internationale Expeditie B.V., (in atti rapprezentata minn Aad De Haan);

ii. Illi l-merkanzija kellha tkun a karigu tas-socjetajiet atturi;

iii. Illi l-pagamenti fuq merkanzija kellha tkun a karigu tas-socjetajiet atturi;

iv. Illi pero` dawk il-pagamenti pagabbli f'Malta ghall-importazzjoni u esportazzjoni tat-"*trailers*" kollha, kemm mimlija kollha kif ukoll mimlija parzjalment jew vojta, ikunu a karigu tas-socjeta` konvenuta;

v. Illi biex jinhadmu t-"*trailers*" indikati fil-paragrafu precedenti s-socjetajiet atturi jhallsu lis-socjeta`

konvenuta hamsa u tmenin Lira Maltija, (LM85.00), ghal kull "*trailer*";

vi. Illi l-kontrollur finanzjarju hemm indikat kellu jipprepara rendikont finanzjarju sa l-ahhar tas-sena tal-istess kuntratt, (1995);

vii. Illi l-ftehim pattwit kellu jkun ghal sentejn (2) mit-12 ta' Gunju, 1995, rinovabbli awtomatikament ghal sena (1) ohra wara l-iskadenza tal-imsemmi perjodu;

viii. Illi l-ftehim *de quo* kien soggett ghall-ligi lokali;

3. Illi meta l-partijiet in dizamina bdew jattwaw l-imsemmi ftehim, is-socjeta` konvenuta li maghha kien impjegat il-kontrollur finanzjarju riferit, qatt ma tat rezakont kif pattwit;

4. Illi nonostante d-diversi intimazzjonijiet skritti ghal tali ezercizzju, dawn baqghu inadempjenti u b'hekk, is-socjetajiet atturi kienu kostretti jintavolaw il-procedura odjerna;

5. Illi skont ir-relazzjoni tal-espert komputista li din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma tabbraccax, jirrizulta minn ezami tad-dokumentazzjoni kopjuza minnu ezaminata, li effettivament mhux biss is-socjeta` konvenuta naqset li tottempora ruhha mal-obbligu kontrattwali fuq indikat li tipprezenta rezakont affidabbli skont is-sengha u l-arti, izda aktar min hekk, naqset li thallas l-ammonti pattwiti ghall-agenzija taghha;

6. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjetajiet atturi gie kristallizzat mill-istess espert komputista fl-ammont ta' mija u tmienja u erbghin elf, sebgha mija u wiehed u erbghin Lira Maltin, (LM148,741.00), (ara fol 344), li addirittura jista' wkoll ikun aktar kif jixhed l-istess espert, (ara fol 346);

7. Illi kif gie ritenut aktar qabel, din il-qorti m'ghandhiex ghaliex ma takkoljix il-konkluzjonijiet tal-

istess espert komputista u ghalhekk qed taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost u tat-trapass ta' zmien mid-data tal-intavolar tal-procedura odjerna, it-talba ghal rezakont hi superata u ma taghmilx aktar sens;

Illi konsegwentement qed tikkonsidra l-istess talba bhala mpossibbli u, f'dan l-istadju, allura irrilevanti, u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha;

Illi *di piu`*, il-versjoni kif elenkata mis-socjeta` konvenuta mhix verosimili meta tigi riskontrata mar-rizultanzi tal-imsemmi espert, u konsegwentement qed tigi respinta *in toto*;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, takkolji t-talbiet l-ohra tas-socjetajiet atturi, u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Ace Shipping Limited biex thallas lis-socjetajiet atturi s-somma ta' mija u tmienja u erbghin elf, sebgha mija u wiehed u erbghin Lira Maltin, (LM148,741.00), ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u erbghin elf, erba' mija u tlieta u sebghin Ewro u tnejn u tletin centezmu, (€346,473.32), minnha ricevuti ghall-perjodu li fih espletat l-attivita` *de quo*;

2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet relattivi sa l-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` konvenuta fuq indikata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------